# PUBBLIKAZZJONI ĠDIDA MINN HERITAGE MALTA

# TITFA' DAWL FUQ L-ISTORJA SOĊJALI

# TAT-TLETT IBLIET

**Stqarrija | 12 ta' Diċembru 2025**

Heritage Malta nediet ktieb ġdid li jikxef l-istejjer u n-nies li sawru lit-Tlett Ibliet matul l-ewwel seklu tal-Ordni ta' San Ġwann f'Malta. Il-ktieb huwa l-aktar inizjattiva riċenti fl-impenn kontinwu tal-aġenzija biex tiċċelebra u tħares il-patrimonju kulturali għani tan-naħa ta' isfel tal-Port il-Kbir ta' Malta.

Bl-isem 'Sea, Walls & Souls: A Social History of Birgu, Bormla and Isla, 1530–1630', din il-pubblikazzjoni illustrata u referenzjata nkitbet mill-istorika Rachel Grillo, u nħolqot mid-dar tal-pubblikazzjonijiet ta' Heritage Malta. Bl-użu estensiv tal-arkivji tal-Castellania, reġistri notarili u parrokkjali, u dokumenti tal-Università, il-ktieb joffri l-ewwel ħarsa komprensiva lejn l-istorja soċjali ta' dawn it-tlett ibliet biswit il-port, f'perjodu li spiss ma jkunx rappreżentat biżżejjed.

Lil hinn min-narrattiva usa', il-paġni tal-ktieb huma mimlija spunti interessanti mill-ħajja ta' kuljum – minn dik li possibbilment hija l-ewwel referenza għal pastizzar f'reġistru parrokkjali fil-Birgu u dettalji dwar kif kienu jqattgħu l-ġurnata tagħhom is-sorijiet Benedittini tal-istess belt skont il-badessa tagħhom Imperia Aquilina, għal battibekki komuni fid-dverni. Każ bħal dan tal-aħħar kien dak ta' Domenico Paci minn Ħaż-Żabbar, li kien jgħix Bormla, mixli li ta daqqa ta' ponn lil Hieronimo Gambigallo mill-Isla fi dverna – xhieda tal-ħajja notturna storbjuża u t-tensjonijiet soċjali li kienu jbaqbqu fit-toroq mimlijin riħa ta' nbid.

Ġrajjiet ta' sogru akbar jinkludu s-serqa li seħħet fil-festa ta' Santa Katerina fl-1607, meta ġebla ġebla Isabella Toni u Nicola Giufre rnexxielhom jidħlu f'maħżen, minn fejn serqu tiġieġ u provvisti oħrajn b'moħħhom mistrieħ li kull ħoss suspettuż li setgħu għamlu ma kienx se jinstema' waqt il-festeġġamenti għaddejjin barra. Il-qarrejja jiskopru wkoll kif l-aspetti soċjali u reliġjużi kienu ta' spiss jitwaħħdu b'modi sorprendenti – pereżempju fil-Birgu parruċċani tar-rit Grieg sikwit kienu jintgħażlu bħala l-parrini ta' wlied parruċċani tar-rit Latin, evidenza li dawn il-komunitajiet kienu jgħixu flimkien fil-paċi.

Il-ktieb iwassal ukoll realtajiet aktar ebsin tal-ħajja f'dawn iż-żminijiet. F'Malta fil-bidu tal-epoka moderna, l-adulterju seta' jwassal għal swat fil-pubbliku u snin ta' xogħol sfurzat, b'nisa xi drabi bil-ktajjen ma' saqajhom waqt ħidmiethom fi sptarijiet. Saħansitra aktar xokkanti hija l-ġrajja ta' Luca Lo Pogio, Ġenoan residenti Malta li nqatgħetlu għall-mewt fl-1608 minħabba li kellu relazzjonijiet sesswali ma' raġel, wara ġuri ta' sitt ijiem ikkaratterizzat mix-xhieda ta' bosta nies, tortura u turija kiefra tal-poter tal-istat.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta

Din il-pubblikazzjoni ħarġet f'mument meta Heritage Malta qed tagħmel sforz bla preċedent biex l-istejjer tat-Tlett Ibliet isiru aktar aċċessibbli u interessanti għal udjenzi differenti. Il-portal interattiv tal-aġenzija 'Tales of Kottonera' https://talesofkottonera.com/, li din is-sena ġie mogħni bi storja grafika, erba' rotot tal-mixi u aktar karattri animati, fetaħ mogħdijiet ġodda għat-tfal, l-istudenti, il-familji, u l-viżitaturi biex jesploraw l-istorja tal-Kottonera b'modi multisensorjali.

'Sea, Walls & Souls' u 'Tales of Kottonera' flimkien jiffurmaw ekosistema narrattiva kumplimentari li tagħti vuċi lill-individwi ordinarji li għexu f'dawn il-komunitajiet storiċi. B'dan il-mod, l-aġenzija qed tkompli twaħħad ir-riċerka storika rigoruża ma' rakkonti diġitali kreattivi, u b'hekk tgħin biex jiżdied l-apprezzament tal-identità kulturali tar-reġjun u biex jitkattar il-kuntest għal kull viżitatur, qarrej, u student.

'Sea, Walls & Souls' jista' jinxtara online mill-ħanut virtwali ta' Heritage Malta https://heritagemalta.mt/store/sea-walls-souls-a-social-history-of-birgu-bormla-and-isla-1530-1630/ kif ukoll mill-mużewijiet u s-siti tagħha.